# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Nru 2732

Kaz Numru 3715/JG

Fil-Kwistjoni tax-xoghol

bejn

Doreen Saliba (K.I.: 695958 M)

u

Foster Clark Products Ltd (C803)

*Dwar: tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

Illum: 7 ta' Mejju, 2021

**Chairman: Is-Sur Joseph Gerada FCIPD, M.A.(Mediation), IUKB Suisse, Dip.Applied Soc.Stud.,MAAT**

## Introduzzjoni

Il-Kaz kien riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors datat 22 ta' Jannar, 2019 permezz ta' l-Avukat Malcolm Mifsud f'isem is-Sinjura Doreen Saliba. Min-naha l-ohra s-socjeta' Foster Clark Products Limited irrispondiet fit-22 ta' Frar, 2019 permezz ta' l-Avukat Matthew Brincat.

Fir-rigward ta' l-artiklu 78 tal-kap 452 tal-ligijiet ta' Malta, it-Tribunal ma setax jiddeciedi l-kaz fil-perjodu stipulat mil-Ligi minhabba d-diversi differimenti mitluba mill-partijiet.

It-Tribunal kellu quddiemu kaz fejn ir-rikorrenti s-Sinjura Doreen Saliba allegat tkeccija ingusta ghaliex tghid li kienet sfurzata tirrezenja *"constructive dismissal".* Dan ghaliex kif allegat r-rikorrenti, l-kumpanija biddlitilha n-natura tax-xoghol taghha arbitrarjament u imponiet fuqha rwol ta' *"cleaner"* meta hi kienet tokkupa rwol ta' "*Housekeeping Leading Hand"*. Minhabba f'hekk hi tghid li decizjoni bhal din kienet umiljanti ghaliha u ghalhekk ma kellha ebda triq ohra hlief li tirrezenja.

Minn naha taghha l-kumpanija tichad l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti u zzid tghid li r-rizenja kienet wahda volontarja u li ma hemm l-ebda hjiel ta' tkeccija jew *ta' "constructive dismissal"*. Is-socjeta' targumenta li r-rikorrenti hadmet in-notice period kollu taghha qisu ma gara xejn wara li nnotifikat il-kumpanija bir-rizenja taghha.

**<u>Fatti tal-kaz</u>**

Is-Sinjura Doreen Saliba kienet impjegata mal-kumpanija Foster Clark Products Limited fis-26 ta' Mejju, 2014 bhala Part Time Cleaner. Matul iz-zmien kienet inghatat zewg promotions wahda fis-7 ta' Mejju, 2015 ghal rwol ta' *"Leading Cleaner*" u ohra fl-1 ta'April, 2016 ghar-rwol ta' *"House Keeping Leading Hand".*

Fit-22 ta' Awwissu, 2018, s-Sinjura Saliba rceviet struzzjonijiet minghand il-Housekeeper is-Sinjura Graziella Vella li qaltilha li s-superjur taghha s-Sur Maurice Calleja ta struzzjonijiet biex tavza lil esponenta li ghandha taghti l-ghajnuna taghha lil cleaners u li ghandha terga tibda tilbes l-uniformi tal-cleaners mill-ghada ta' din l-ordni.

Is-Sinjura Saliba nfurmat lis-Sur Calleja li hi mhiex sa taccetta din l-ordni u fil-kaz li jimponulha li taghmel xoghol ta' cleaner, hi kienet sa tirrezenja kif filfatt ghamlet fit-23 ta' Awwissu, 2018 fejn tat sas-26 ta' Ottubru, 2018 bhala notice period.

Fil-frattemp is-Sinjura Saliba talbet lil General Workers' Union biex tara jekk tistax timmedja fis-sitwazzjoni u din ta' l-ahhar kienet waslet ghal ftehim mal-kumpanija li mat-tluq taghha minn mas-socjeta', s-Sinjura Saliba tinghata hlas ta' €12,000. Is-Sinjura Saliba rrifjutat din l-offerta u l-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat id-decizjoni tat-Tribunal li l-ftehim allegat qatt ma sehh ghaliex s-Sinjura Doreen Saliba ma kinitx parti minn dan il-ftehim. Dan wara li s-socjeta' kienet ghamlet eccezzjoni fejn qalet li skont hi, l-ftehim kien intlahaq fuq is-somma ta' €12,000 u allura, s-socjeta kienet argumentat li s-Sinjura Saliba ma kellhiex kaz xi tressaq quddiem it-Tribunal.

Il-Human Resources Manager is-Sur Steve Vella f'memorandum datat 4 ta' Settembru, 2018 jikkonferma l-istruzzjonijiet li kien wassal is-Sur Maurice Calleja lir-rikorrenti, kif ukoll ikkonferma li kien ircieva l-ittra tar-rizenja u li jaghraf li r-rikorrenti kienet qed tahdem in-notice period. Fakkarha ukoll li hu kien dispost li jikkjarifika aktar l-affarijiet jekk ir-rikorrenti kienet thoss il-htiega ta' dan.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Il-Qorti tal-Appell ppreseduta mill-Imhallef Lawrence Mintoff nr 83/2019 fil-kaz ta' Roderick Azzopardi kontra Malta Public Transport Services (Operations) Ltd jiddeskrivi *"constructive dismissal"* bhala sitwazzjoni fejn il-haddiem gie mgieghel u kostrett li jirrezenja mill-impjieg kontra r-rieda tieghu.

Ghalhekk it-Tribunal ried ihares lejn diversi cirkostanzi biex;

1 jara x'kienu r-ragunijet li wasslu ghar-rizenja,
2 jevalwa jekk dawn ir-ragunijiet kienux serji bizzejjed li nkiser parti fundamentali tal-kuntratt tax-xoghol jew li kien hemm serje ta' sitwazzjonijiet li meta tpoggihom flimkien joholqu ambjent tant dizmali u mhux accettabbli li l-impjegat ma jkollu l-ebda triq ohra hlief li jirrezenja,

3 jevalwa jekk ir-rizenja kinitx direttament marbuta mar-ragunijiet li ghamlu l-hajja tal-haddiem fuq il-post tax-xoghol insapportabbli,

4 jevalwa jekk kienx hemm process fejn il-haddiem pogga l-ilmenti tieghu quddiem is-superjuri tieghu biex ikunu rizolti l-istess ilmenti,

5 jevalwa jekk il-management jew dawk responsabbli hadux l-ilmenti bis-serjeta' u jekk ghamlux hilithom biex ikunu rizolti b'mod gust,

6 jittawwal ukoll lejn iz-zmien li ghadda bejn meta l-ilment gie ghad-deher tal-management u l-azzjoni tar-rizenja, igiefieri kemm l-effett tar-rizenja kien konsegwenza tal-kawza ta' l-ilment mhux mismuh,

7 jissendika l-ittra tar-rizenja u jara l-konsistenza jew in-nuqqas taghha bejn dak li hu miktub u r-ragunijiet migjuba ghar-rizenja.

<u>Ksur fundamentali tal-kuntratt tax-xoghol</u>

Fil-kaz 2660/FM 2010 ta' Sarah DeMarco u Malta University Residence Ltd, it-Tribunal jikkwota lil Imhallef Arnold tal-qrati inglizi fejn qal;

*" in order to justify a conclusion of constructive dismissal one has to consider whether the conduct complained of constitutes either a fundamental breach of the contract or a breach of a fundamental term of the contract".*

Ghalhekk l-ewwel haga li t-Tribunal hares lejha kienet jekk kienx hemm ksur fundamentali ta' xi kondizzjoni tal-kuntratt tax-xoghol li jista' jikkostitwixxi *"constructive dismissal".*

Il-Qorti ta' l-Appell fil-kaz 83/2019 jelabora ma' dan u jghid li f'kuntest ta' *"constructive dismissal"* irid ikun ikkonsidrat il- *"contract test"* li jezamina l-imgieba min-naha ta' min ihaddem u jara jekk l-intenzjoni tieghu kinitx li jibqa' jew ma jibqax josserva l-kundizzjonijiet tal-kuntratt tal-impjieg.

Fl-affidavit tieghu ddatat 21 ta' Ottubru, 2020 s-Sur Calleja kien qal li l-kumpanija kienet iddejqet tara lis-Sinjura Doreen Saliba u lil Housekeeper taghha s-Sinjura Graziella Vella jaghmlu xogholhom flimkien ghaliex ma kienx

hemm bzonn ghal zewg impjegati sabiex jaghmlu xoghol wiehed. Hu zied li kien jaghtihom il-parir li minflok ghandhom jaqsmu x-xoghol bejniethom. Is-Sur Calleja jghid li kien propju s-CEO tal-kumpanija s-Sur Joseph Busuttil li ta struzzjonijiet lis-Sur Calleja biex is-Sinjura Saliba terga tibda taghmel xoghol ta' Cleaner u tilbes l-uniformi ta' Cleaner. Din l-ordni kellha tibda mill-ghada li nghatat l-ordni.

Dan kien korroborat mill-memo tas-Sur Steve Vella fejn waqt li nfurmaha li l-kumpanija kienet sa thalliha zzomm l-istatus taghha u anki s-salarju li kellha, madankollu ma regax ha lura l-ordni li s-Sinjura Saliba terga taghmel xoghol ta' Cleaner.

Meta mpjegat tibdillu x-xoghol tieghu u taghtih xoghol inferjuri ghal dak li kellu, l-haddiem gustament ihossu umiljat u d-dinjita' tieghu sa tkun affettwata. Ghalhekk it-Tribunal ma jistax jaqbel mal-kumment tas-Sur vella meta qal;

*"the company was going to maintain your status as lead Cleaner*"

ghaliex ir-realta' turi li s-Sinjura Saliba giet "demoted" u n-nomenklatura ta' "lead cleaner" ma baqghatx taghmel sens. Decizjoni bhal din turi nuqqas ta' gharfien dwar l-importanza li ghandhom l-aspetti varji li jikkostitwixxu l-well-being tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol fejn il-flus mhumiex l-uniku haga li jikkonsidraw.

Hafna drabi r-rwol li haddiem ikollu fl-impjieg tieghu jiddefinixxih u jaghtih identita' li tghin il-motivazzjoni tal-haddiem u allura l-well-being tieghu. Ghalhekk meta haddiem igorr responsabilita' fuq il-post tax-xoghol, ikun qed juri *commitment* favur il-kumpanija, ikun qed juri l-hila tieghu li jaghmel kontribut effettiv u quddiem il-kollegi tieghu jkun qed juri r-relevanza tieghu ghal-kumpanija. Meta l-Management, b'mod arbitrarju, jiehu decizjoni li biha jiehu lura r-responsabilita' u l-awtorita' li l-haddiem kien qed igorr sa dak il-mument, il-Management ikun qed jibghat messagg negattiv dwar il-

kontribut, ir-relevanza u l-valur tal-haddiem. Dan jimbarazzah ukoll bil-kbir lill-haddiem quddiem il-kollegi. Ghalhekk il-bdil fir-rwol tax-xoghol tas-Sinjura Doreen Saliba kien ksur fundamentali fil-kuntratt ta' l-impjieg u ghaldaqstant gustament hassitha frustrata u rrabjata.

L-imgieba tal-Management kien wiehed car li kemm il-darba l-ordni ma tkunx accettata, l-kumpanija ma kinitx sa tkompli bil-kuntratt tax-xoghol. Infatti minkejja li s-Sinjura Saliba ttamat li l-ingustizzja li sofriet tkun riversjata biex kif qalet hi tibqa fl-impjieg il-kumpanija kienet interessata biss li taghmel *settlement* finanzjarju biex ittemm l-impjieg tas-Sinjura Doreen Saliba.

Ghalhekk it-Tribunal jaqta' li l-azzjoni tal-Management li jibdel in-natura tax-xoghol tas-Sinjura Doreen Saliba kien ksur fundamentali tal-kundizzjonijiet tal-kuntratt tax-xoghol u li l-intenzjoni tal-Management kien li ma jkomplux bil-kuntratt tax-xoghol tar-rikorrenti.

It-Tribunal hares ukoll ghal fatt li decizjoni bhal din ittiehdet arbitrarjament u bla konsultazzjoni mal-haddiem.  Is-Sinjura Saliba lanqas kellha c-cans li taghti almenu l-opinjoni taghha imma sabet decizjoni ta' tibdil fin-natura tax-xogol taghha bhala "*take it or leave it*". Il-memorandum tas-Sur Steve Vella huwa cara bizzejjed biex juri li l-kumpanija hasset li kellha s-setgha li tibdel ix-xoghol tar-rikorrenti anki kontra r-rieda tas-Sinjura Saliba.

Fil-kaz 2295 / 2007 Anne Bharwani u MIM Training and Development Services Limited, it-Tribunal kien stqarr li;

*"li skond il-principju antikissimu li pacta sunt servanda, kull qbil bejn zewg partijiet jew aktar jista' jinbidel biss bi qbil bejn l-istess partijiet, sakemm ma jinghadx mod iehor". It-Tribunal ikompli li f'kuntratt bi-laterali l-ebda parti ghal kuntratt ma' ghandha sahha aktar minn ohra, tant li tista' tbiddel il-kundizzjonijiet tal-kuntratt u timponih fuq il-part l-ohra".*

Ghalhekk it-Tribunal jaqta li l-Management qatt ma seta' jibdel in-natura tax-xoghol tas-Sinjura Saliba minghajr il-kunsens taghha.

It-Tribunal hares ukoll lejn l-ispedezza li bih imxiet is-Sinjura Saliba bejn iz-zmien li saret taf li r-rwol taghha kienet sa tinbidel arbitrarjament u d-decizjoni taghha li tirrizenja. It-Tribunal jara sitwazzjoni ta' kawza u effett car ghaliex meta s-Sur Calleja infurmaha bit-tibdil fir-rwol taghha, s-Sinjura Saliba mal-ewwel qaltlu li jekk jimponu din id-decizjoni hi kienet sa tirrezenja. Infatti s-sur Calleja jghid li;

*" Tajtha suggeriment sabiex issegwi l-istruzzjonijiet imbaghad tara x'jigri, pero' ma accettatx din il-proposta."*

It-Tribunal jara rieda soda u kjarezza fil-hsieb tas-Sinjura Saliba u ghalhekk rabta shiha bejn l-azzjoni li kienet kemm sehhet u d-decizjoni taghha li tirrezenja.

It-Tribunal jinnota li l-ittra tar-rizenja tkompli turi din il-kjarezza fil-hsieb meta b'ton ta' protesta s-Sinjura Saliba tghid;

*" I was forced to do so because from a leading hand they wanted me to return as a cleaner as I was before. I feel that this is unfair on me."*

**<u>Decizjoni</u>**

Wara li t-Tribunal ezamina u evalwa d-dikjarazzjoni tal-kaz, testimonjanzi, dokumenti u sottomissjonijiet tal-partijiet u wara konsiderazzjoni ta' dawn, it-Tribunal, wara li hares lejn l-elementi tal-kaz fit-totalita' u l-komplessita' taghhom, jiddeciedi li r-rikorrenti s-Sinjura Doreen Saliba kienet terminata mix-xoghol ingustament, it-terminazzjoni ta' l-impjieg taghha ma kienx skont il-ligi u ghalhekk kien kaz legittimu ta' "*constructive dismissal*".

**<u>Kumpens</u>**

Is-socjeta’ konvenuta Foster Clark Products Limited thallas b’kumpens lis-Sinjura Doreen Saliba s-somma ta’ wiehed u tletin elf u sitt mitt ewro (31,600) fi zmien sitt gimghat mid-data tad-decizjoni.

**<u>Drittijiet</u>**

It-Tribunal jillikwida id-drittijiet pagabbli lil min assista lill-partijiet fl-ammont ta’ €93.17 kull wiehed u dana ai termini tal-Avviz Legali Nru 48 tal-1986.

B’hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**(iffirmat)**

Joseph Gerada
Chairperson

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju